



20.11.2009

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0467/2008, imressqa minn S.A.N., ta' nazjonalità Spanjola, dwar problemi biex jinkisbu sussidji agrikoli skont il-ħlas ta' darba għall-azzjendi agrikoli

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta li l-burokrazija żejda fuq livell lokali qed ittellef lill-bdiewa milli jiksbu sussidji mill-UE skont is-sistema tal-ħlas ta' darba għall-azzjendi agrikoli, billi jakkuża lill-awtoritajiet lokali fir-reġjun ta' Andalusia fi Spanja li mhux qed jieħdu azzjoni biex jiffaċilitaw il-proċeduri biex tiġi stabbilita l-eliġibiltà tal-artijiet għal dawn is-sussidji, u jargumenta li l-isforzi li saru biex jiġu amalgamati artijiet ta' sidien differenti issa ħafna drabi jidher li saru għalxejn: 'irqajja' li mhumiex ikkultivati issa qed jitfaċċaw bejn l-artijiet u dan qed jaffettwa l-eliġibiltà għall-għajjnuna b'mod negattiv. Il-petizzjonant jitlob lill-Parlament Ewropew jappoġġja soluzzjoni għal dawn il-problemi, li qed jaffettwaw b'mod speċjali lill-produtturi ż-żgħar.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-25 ta' Settembru 2008. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-25 ta' Novembru 2008.

Il-petizzjoni hija dwar l-immaniġġjar tas-sistema Spanjola fl-identifikazzjoni tat-tqassim tal-art mill-gvern ta' Andalusia, is-SigPac.

Il-petizzjonant għandu biċċa art fejn ikabbar iż-żebbuġ f'Andalusia. Huwa jilmenta dwar l-immaniġġjar tar-reġistru tas-SigPac f'Andalusia, u iktar preċiż dwar il-fatt li l-art tiegħu, li għiet identifikata bħala biċċa art waħda fir-reġistru katastrali, inqasmet f'sitt biċċiet differenti fir-reġistru tas-SigPac bi rqajja' li mhumiex intitolati għal għajnuna akkoppjata taż-żebbuġ bejniethom.

Skont il-petizzjonant, din id-diviżjoni tal-biċċiet ta' art tagħmilha iktar diffiċli għas-sidien tal-artijiet żgħar biex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom għall-għajnuna.

Il-petizzjonant jilmenta li, minkejja t-talbiet tiegħu biex jiġi mmodifikat is-SigPac, il-korrezzjoni ma saritx. Skont il-petizzjonant, dan ġara minħabba kif jiffunzjona s-SigPac, fejn l-unifikazzjonijiet u l-korrezzjonijiet isiru b'mod awtomatiku, bla ebda possibiltà ta' intervent miċ-ċittadini.

Il-petizzjonant jitlob li ssir pressjoni fuq il-Gvern ta' Andalusia biex jipproċedi mingħajr iktar dewmien lejn aġġustamenti u korrezzjonijiet meħtieġa fis-SigPac.

F'konformità mal-Artikoli 18 u 20 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 l-Istati Membri għandhom, bħala parti mill-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll, jistabbilixxu sistema ta' identifikazzjoni tal-partijiet agrikoli. L-Istati Membri huma responsabbli mill-aġġornar tas-sistema li tidentifika t-taqsimiet tal-art, li skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 796/2004 għandha topera fuq livell ta' taqsima ta' referenza bħat-taqsimata katastrali jew il-blokka tal-produzzjoni. Bl-għan li tkun tista' issir applikazzjoni għall-għajnuna l-Istati Membri se jqassmu materjal grafiku li jindika l-limiti tat-taqsimata ta' referenza. Iż-żona massima eliġibbli f'kull taqsima se tkun indikata wkoll. Min-naħa l-oħra, korrezzjonijiet rigward il-limiti jew id-daqs tat-taqsimata ta' referenza għandhom jiġu indikati mill-bidwi meta jissottometti l-applikazzjoni.

Is-SigPac huwa bbażat fuq is-sistema katastrali Spanjola, bit-taqsimiet katastrali maqsumin għal darba oħra f'sub-taqsimiet uniformi. Fir-rigward tal-opinjoni ġenerali dwar is-SigPac, verifikazzjonijiet li jsiru mis-servizzi tal-Kummissjoni fi Spanja fi ħdan il-qasam ta' applikazzjoni tal-proċedura għall-ikklerjar tal-kontijiet s'issa għadhom ma wrew l-ebda nuqqasijiet serji jew nuqqas ta' konformità tas-sistema tal-identifikazzjoni tat-taqsimiet mal-qafas legali.

Il-Kummissjoni ma tistax, madankollu, tevalwa jekk il-kontenut tas-SigPac (taqsimiet ta' referenza, żona eliġibbli, limiti) huwiex dejjem korrett.

Madankollu, fil-qafas tal-immaniġġjar konġunt ta' pagamenti diretti, nuqqas ta' qbil li jista' jkun hemm bejn il-bdiewa u l-awtoritajiet Spanjoli nazzjonali jew lokali dwar il-kontenut tas-SigPac fir-realtà għandu jissolva fuq livell nazzjonali jew reġjonali, u mhux fuq livell ta' Komunità. Bdiewa li jikkontestaw l-eżattezza tal-kontenut tar-reġistru għandhom jużaw rimedji u proċeduri li jeżistu fis-sistema legali nazzjonali.

Konklużjonijiet

Il-petizzjonant jgħid li, minkejja t-talbiet ripetuti tiegħu, il-modifikazzjoni tar-reġistrazzjoni għall-art tiegħu fis-SigPac ma saritx mill-awtoritajiet ta' Andalusia.

Għalhekk jidher li hemm bżonn li l-awtoritajiet Spanjoli jintalbu jipprovdu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar kemm huma preċiżi dawn l-allegazzjonijiet u, jekk dawn il-fatti jiġu ikkonfermati, dwar ir-raġunijiet li qed jikkawżaw dawn id-diffikultajiet.

Il-Kummissjoni għalhekk se tistaqsi lill-petizzjonant biex jaqbel li titgħarraf l-identità tiegħu lill-awtoritajiet Spanjoli u se tibgħat l-ilment tal-petizzjonant lill-awtoritajiet Spanjoli għall-kummenti tagħhom.

4. Risposta Kumplimentari tal-Kummissjoni, li waslet fl-20 ta' Novembru 2009.

Il-kuntatti li saru mal-awtoritajiet Spanjoli bħala segwitu tal-petizzjoni

Wara li f'Jannar 2009 id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali laħaq ftehim mal-petizzjonant għall-kxif tal-identità tiegħu u t-trażmissjoni tal-korrispondenza tiegħu lill-awtoritajiet Spanjoli, fis-6 ta' Marzu 2006 huwa rrefera l-każ lill-awtoritajiet Spanjoli permezz tal-applikazzjoni "pilota" tal-UE. L-awtoritajiet Spanjoli ntalbu jippreżentaw kummenti, b'mod partikolari indikazzjonijiet dwar proċeduri li jippermettu t-tiswijiet u l-aġġornamenti ta' annotazzjonijiet fis-sistema SIGPAC¹.

Fir-risposta tagħhom tal-24 ta' April 2009, l-awtoritajiet Spanjoli wrew li l-Ordni tat-13 ta' April 2007 li tistabbilixxi regoli għall-proċedura biex tinżamm is-SIGPAC tipprovdi li l-informazzjoni inkluża fis-SIGPAC fir-rigward tat-tqassim u l-plotts li jinsabu fil-Komunità Awtonoma ta' Andalusia tista' tiġi aġġornata jew awtomatikament jew inkella fuq talba ta' parti interessata.

Aġġornamenti awtomatiċi jitwettqu b'riżultat ta' deċiżjoni amministrattiva, bħal dawk li jitqajmu minn aġġustamenti fir-reġistru tal-art, xogħlijiet fuq skala kbira, kontrolli fuq il-post jew l-inkorporazzjoni tat-tqassim.

L-awtoritajiet Spanjoli wrew li s-SIGPAC u r-reġistru tal-art huma żewġ sistemi totalment differenti, totalment indipendenti minn xulxin u jserrġu fuq is-sorsi ta' informazzjoni tagħhom stess. Madankollu, l-awtoritajiet Spanjoli juru li x-xogħol li qed isir għat-tibdil ta' SIGPAC u r-reġistru tal-art, billi wieħed iqabbel u jiċċekkja jekk id-dejta vektorjali taż-żewġ entitajiet hijiex konformi mad-dejta ortofotografika biex jiġi determinat, b'mod oġġettiv kemm jista' jkun, jekk huwiex aħjar li wieħed juża bħala bażi d-dejta vektorjali ta' wieħed jew tal-ieħor.

Aġġornamenti fuq talba ta' parti interessata jistgħu jiġu introdotti minn persuna fiżika jew legali, sid jew detentur ta' plotts SIGPAC, li jistgħu jiġu rappreżentati minn rappreżentant legali.

Talbiet għal emendi għandhom jikkonċernaw nuqqas ta' qbil tal-parti interessata mar-rekord f'SIGPAC fuq aspetti bħal, b'mod partikolari, inkorporazzjoni ta' plotts fil-qrib dedikati għall-istess użu u li jagħmlu parti minn tqassim uniku tas-SIGPAC, jew numru, pożizzjoni u tip ta' msaġar taż-żebbuġ.

¹ Is-sistema Spanjola fl-identifikazzjoni tat-tqassim tal-art

Skont l-informazzjoni li ġiet sottomessa mill-awtoritajiet Spanjoli, it-talba għall-modifika tal-istruttura tat-tqassim 23-1-10-572 introdotta mill-petizzjonant ġiet aċċettata mill-amministrazzjoni bid-deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2006 u l-modifika kienet integrata fis-SIGPAC. Madankollu, talbiet għal modifika introdotti mill-petizzjonant fir-rigward ta' tqassim ieħor ma gēwx aċċettati.

Fl-14 ta' Lulju 2009, is-servizzi tal-Kummissjoni mpenjaw rwieħhom biex jitolbu informazzjoni addizzjonali mingħand l-awtoritajiet Spanjoli dwar kundizzjonijiet ġenerali li bis-saħħa tagħhom il-bdiewa jistgħu jitolbu modifiki ta' annotazzjonijiet fis-SIGPAC kif ukoll it-trattament tat-talbiet introdotti mill-petizzjonant f'dan il-każ partikolari. Il-kwistjoni kkonċernat l-aktar it-tifsira legali eżatta tat-terminu "detentur" f'dan il-kuntest kif ukoll ir-raġunijiet ta' każda tat-talbiet l-oħra tal-petizzjonant.

Fil-21 ta' Settembru, l-awtoritajiet Spanjoli provdew l-informazzjoni addizzjonali mitluba. Huma indikaw li t-terminu "detentur" għandu jinftehem bħala persuna li tissottometti wieħed mid-dokumenti li ġejjin:

- talba għal għajjuna għaż-żoni involuti fis-sena kurrenti jew preċedenti tas-sena tas-suq;
- fehima valida għall-kiri ta' art agrikola jew kiri bi sħab b'referenza għar-Reġistru tal-Art, li fuqha tħallu t-taxxi.

Fir-rigward tat-talbiet tal-petizzjonant li ma gēwx aċċettati, l-awtoritajiet Spanjoli indikaw li dawn it-talbiet ma gēwx sottomessi f'konformità mal-liġijiet li hemm fis-seħħ (i.e. "skont il-mudell li jista' jinsab fuq il-*webpage* tad-Dipartiment għall-Agrikoltura u s-Sajd") u ma setgħux jiġu aċċettati mill-amministrazzjoni.

L-evalwazzjoni tar-risposta tal-awtoritajiet Spanjoli mill-Kummissjoni issa tlestiet.

Evalwazzjoni tar-risposta tal-awtoritajiet Spanjoli

Il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet Spanjoli ħadu l-miżuri neċessarji biex il-prestazzjoni tat-tiswijiet u l-aġġornamenti tal-annotazzjonijiet fis-SIGPAC ikunu possibbli. Ir-regolamenti nazzjonali kkomunikati, i.e. l-Ordni tat-13 ta' April 2007 li tistabbilixxi l-proċedura għaż-żamma tas-SIGPAC, jidher li huma f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolamenti 1782/2003 (issa 73/2009) u 796/2004, minħabba li tistipula l-possibilità li jiġu aġġornati l-annotazzjonijiet jew fuq talba tad-detentur jew inkella awtomatikament bħala riżultat ta' deċiżjoni amministrattiva.

Għalhekk, għalkemm il-Kummissjoni f'dan il-punt ma tista' tagħmel l-ebda dikjarazzjoni dwar il-livell ta' korrettezza tas-SIGPAC ta' Andalusia fit-totalità tiegħu, il-Kummissjoni tinnotta li l-awtoritajiet Spanjoli stabbilixxew il-proċeduri neċessarji biex jiġu żgurati l-korrezzjonijiet tal-annotazzjonijiet.

Wieħed għandu jiftakar li skont l-arranġamenti li jmexxu l-implimentazzjoni ta' skemi ta' appoġġ tal-Komunità fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni, huwa f'idejn l-Istati Membri, Spanja f'dan il-każ, biex jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jaċċertaw li s-sussidji jingħataw b'mod korrett, u biex jipprevenu u jittrattaw l-irregolaritajiet. L-immaniġġjar tal-iskemi ta' appoġġ dirett, inkluż sistemi fl-identifikazzjoni tat-tqassim tal-art, jaqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri.

Madankollu, il-Kummissjoni rrakkomandat lill-awtoritajiet Spanjoli f' Andalusia biex jagħmlu kull sforz biex jiżguraw l-implimentazzjoni kontinwa tal-konverġenzi bejn reġistru tal-katast u s-SIGPAC bl-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv jew l-ispejjeż addizzjonali għall-bdiewa.

Fir-rigward tat-trattament tal-fajl tal-petizzjonant, l-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Spanjoli tidher li tindika li t-talba tiegħu fir-rigward tal-korrezzjoni tal-annotazzjonijiet tas-SIGPAC ġiet trattata b'mod korrett mill-awtoritajiet kompetenti Spanjoli. Skont l-informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Spanjoli, fil-15 ta' Settembru 2006, l-amministrazzjoni aċċettat it-talba għal modifika tal-istruttura tat-tqassim 23-1-10-572. Din il-modifika ġiet integrata fis-SIGPAC.

Madankollu, it-talba għal tqassim ieħor ma setatx tiġi trattata minħabba li, skont l-awtoritajiet Spanjoli, il-petizzjonant naqas milli jippreżenta talba f'konformità mal-liġijiet li qegħdin fis-seħħ.

Il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, m'hemm l-ebda raġuni biex wieħed jiddubita mill-apprezzament tal-fatti li saru mill-awtoritajiet Spanjoli; u li kull argument relatat mal-istima tal-elementi fattwali jaqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

Konklużjoni

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli li hemm bħalissa, il-Kummissjoni tqis li r-risposta tal-awtoritajiet Spanjoli hija aċċettabbli.

Il-Kummissjoni se tinforma lill-petizzjonant li hija tqis li Spanja stabbilixxiet il-proċeduri neċessarji biex ikunu jistgħu jsiru l-korrezzjonijiet u l-aġġornamenti tal-annotazzjonijiet fis-SIGPAC u li, konsegwentement, il-fajl tal-petizzjonant għe trattat kif suppost mill-awtoritajiet Spanjoli. Il-petizzjonant se jiġi infurmat li, sakemm ma jippreżentax informazzjoni ġdida li tista' tibdel il-pożizzjoni tal-Kummissjoni fi żmien 4 ġimgħat, il-fajl se jingħalaq.

Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni se tiġi ffinalizzata wara li tintemm l-iskadenza msemmija hawn fuq.